MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-30 ta’ April, 2025

Appell Inferjuri Numru 26/2024 LM

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f’isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc (C 65836) u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**
*(‘l-appellanti’)*

***vs.***

**Mario Fenech (K.I. nru. 293554M) u Juanita Fenech (K.I. nru. 148761M)**
*(‘l-appellati’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f’isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Enemalta plc (C 65836)** u **l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellanti’] mil-lodo mogħti fl-4 ta’ April, 2024

[minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti kontra **Mario Fenech (K.I. nru. 293554M) u Juanita Fenech (K.I. nru. 148761M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], kif ġej:

*"Għas-suesposti konsiderazzjonijiet, l-Arbitru qed **jaqta' u jiddeċiedi** billi:*

1. ***Jilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat Mario Fenech;*
2. ***Jiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimat Mario Fenech;*
3. ***Jilqa'** in parte t-talba tas-soċjetà rikorrenti billi:*
    a. ***Jikkundanna** lill-intimat **Mario Fenech** għall-ħlas ta' **€1,946.72**, flimkien ma' kwalunkwe mgħax ulterjuri mit-3 t'Awwissu, 2020 sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 6%* per annum *fuq kull ammont prinċipali ta' kull kont tad-dawl u l-ilma li jikkonċerna pendenzi li saru dovuti bejn it-3 ta' Awwissu, 2015, u t-3 ta' Awwissu, 2020, kif esplikat fit-taqsima tal-quantum aktar 'il fuq.*
    b. ***Jordna** lill-intimat **Mario Fenech** iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' **€1,946.72**, flimkien ma' kwalunkwe imgħax ulterjuri mit-3 ta' Awwissu, 2020, sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 6% per annum fuq kull ammont prinċipali ta' kull kont tad-dawl u tal-ilma li jikkonċerna pendenzi li saru dovuti bejn it-3 t'Awwissu, 2015 u t-3 t'Awwissu, 2020, kif esplikat fit-taqsima tal-quantum aktar 'il fuq.*
4. ***Jordna** li l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ jinqasmu bin-nofs bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat **Mario Fenech.**"*

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw tilwima rreġistrata bejn is-soċjetà rikorrenti *proprio et nomine* u l-intimati rigward servizzi tad-dawl u l-ilma installati fuq il-*meter* bin-numru 101000080456 fil-fond bl-indirizz 77, Edwigeville, Triq is-Sienja, Attard [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], liema servizzi huma intestati fuq l-intimat Mario Fenech.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li t-tilwima odjerna taqa' taħt ir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ. Spjegat li l-intimati, li jgħixu fil-fond, għandhom kontijiet pendenti li jammontaw għal sebgħa u tletin elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€37,454.97) għall-konsum tal-elettriku u tal-ilma, għall-kera tal-*meters* tal-elettriku u tal-ilma, u għal spejjeż amministrattivi oħra, fosthom *connection* u *disconnection fees,* bir-rata ta' imgħax ta' 6% fis-sena, għal liema dejn is-soċjetà rikorrenti tgħid li l-intimati huma responsabbli. Is-soċjetà rikorrenti tgħid ukoll li għalhekk dan id-dejn għandu jitħallas mill-intimati, u talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-intimati jersqu għall-ħlas ta' dan l-ammont, flimkien mal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll jordnalhom iħallsu l-ammont hekk pretiż minnha.

4. L-intimat Mario Fenech wieġeb li għalkemm huwa minnu li s-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-fond huma rreġistrati f'ismu, huwa ma kienx jirrisjedi fl-imsemmi fond bejn l-10 ta' Ottubru, 2010 u l-10 ta' Ġunju, 2020, f'liema perijodu dan il-fond kien okkupat biss mill-intimata Juanita Fenech, filwaqt li għall-kumplament taż-żmien il-fond ma kienx okkupat. L-intimat eċċepixxa wkoll li bejn l-aħħar tas-sena 2010 u l-bidu tas-sena 2014, huwa kien kontinwament jinsisti mas-soċjetà rikorrenti sabiex is-servizzi in kwistjoni jiġu sospiżi, iżda r-rikorrenti *proprio et nomine* kienu abbużivament jirrifjutaw, sakemm fl-aħħar kellhom ordni *"minn fuq nett"* sabiex jissospendu l-imsemmija servizzi fit-13 ta' Marzu, 2014. L-intimat eċċepixxa wkoll il-preskrizzjoni kwinkennali abbażi tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili għal kull somma pretiża għal perijodu li jmur lura iktar minn ħames snin mid-data tal-intavolar tal-

arbitraġġ; u dwar l-ammonti pretiżi fl-aħħar ħames snin, l-ammonti tal-imgħaxijiet kalkolati mis-soċjetà rikorrenti *proprio et nomine* l-intimat qal li huma ħżiena in kwantu jinjoraw il-prinċipju li l-imgħax huwa aċċessorju għall-kapital, u għalhekk l-imgħax pretiż huwa żbaljat u eċċessiv. In vista ta' dan, l-intimat talab li l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu, laqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti biss parzjalment, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUŻJONI***

***L-EĊĊEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI KWINKENNALI***

*Illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimat Mario Fenech hija l-preskrizzjoni kwinkwennali abbażi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili għal kull somma pretiża li tmur lura iktar minn ħames snin mid-data tal-intavolar ta' dan l-arbitraġġ, ossia, it-3 ta' Awwissu, 2020.*

*Illi, l-artikolu ċċitat jaqra hekk:*

"**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin:
[…]
(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."

*Illi, fil-fehma tal-Arbitru, ibbażata wkoll fuq sentenzi bħal Automated Revenue Management Services Limited pro et noe vs Norman Seychell, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Marzu, 2019, u Emanuel Schembri vs Reuben Bonnici noe mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Jannar, 2017, (Rik. Nru. 194/15), kif ikkonfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar l-14 ta' Lulju, 2017, il-kreditu reklamat mir-rikorrenti f'dan l-Arbitraġġ jaqa', min-natura tiegħu, taħt id-dettami tas-suċċitat Art. 2156(f) tal-Kap. 16.*

*Illi, madanakollu, apparti li l-prova tan-natura tal-kreditu u l-mogħdija tal-ħames snin, jispetta wkoll li l-intimat li qiegħed jinvoka din il-preskrizzjoni biex jissodisfa dak rikjest minnu skont l-Artikolu 2160 tal-istess Kap. 16, ossia:*

"**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

[…]

(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."

*Illi, minn eżami tal-minuti tas-Seduta XI miżmuma nhar l-20 ta' Settembru, 2022, jirriżulta li l-intimat Mario Fenech xehed is-segwenti:*

"Qabel 2010, jiena kont inħallas il-kontijiet tal-ARMS immedjatament wara li nirċevihom. Qabel 10 ta' Ottubru, 2010, peress li kont qed nissuspetta li marti kienet ser tipprova tkeċċini mid-dar, kont mort WSC Luqa, fejn l-iskrivan/kaxxier qalli li m'hemm l-ebda kontijiet pendenti fuq id-dar ta' Attard. Ġeneralment lill-ARMS kont intihom ir-readings jien. Dan peress li meta kien imur il-meter reader ma kien isib lil ħadd id-dar biex jiftaħlu.
[…]
Wara 2010 bdejna nirċievu kontijiet kbar mingħand l-ARMS. Attwalment, kienet tirċevihom il-mara. Jien indunajt bihom meta għamilt change of address.
[…]
Dak iż-żmien kont assistit minn Dr. Lorraine Schembri Orland. Dr Schembri Orland niftakar li kitbet kemm lill-avukat tal-mara Stephen Thake, kif ukoll lill-WSC, u dan sabiex il-kontijiet joħorġu fuqha. Jien ukoll kont ktibt lill-WSC u infurmajthom li jiena ma kontx responsabbli għall-kontijiet għaliex ma kontx qed ngħix id-dar u lanqas stajt nersaq 'l hemm b'ordni tal-Qorti.
[…]
Peress li ma wasaltx, u l-kontijiet baqgħu jitilgħu, sija jien u sija Dr. Schembri Orland tlabna s-sospensjoni tas-servizz tad-dawl."

*(enfasi miżjuda)*

***Illi**, fil-fehma tal-Arbitru, peress illi l-intimat allura xehed minn jeddu u taħt ġurament illi huwa ma huwiex responsabbli għad-dejn in kwistjoni, għar-raġunijiet imfissra minnu, kif ukoll il-fatt li l-intimat jispjega kif kien ilu jagħmel "*pressjoni […] biex

jordnaw is-sospensjoni" *(fn. 3: SEDUTA XIV miżmuma nhar it-30 ta' Novembru, 2022) tal-provvista tas-servizz għall-fond mertu tal-Arbitraġġ (proċedura li ltaqgħet ma' ħafna reżistenza u manuvri biex tiġi evitata), dan kollu jindika li d-dettami tal-artikolu 2160(1) u (3) ġew pjenament sodisfatti.*

***Illi**, inoltre għandu jiġi rrilevat li fl-ebda stadju ma ġie ppruvat li ntbagħtet xi ittra uffiċjali mis-soċjetà rikorrenti illi b'xi mod interrompiet il-mogħdija tal-perijodu preskrittiv.*

***Illi**, għalhekk jirriżulta li l-eċċezzjoni kwinkennali prevista fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, sollevata mill-intimat b'sodisfazzjon kuntestwali tal-Art. 2160(1) u (3), għandha tintlaqa' u għalhekk il-kunsiderazzjonijiet tal-Arbitru ser jikkonċernaw biss dawk il-krediti pretiżi mir-rikorrenti mid-data tat-3 t'Awwissu, 2015, sad-data tal-preżentata ta' dan l-Arbitraġġ, nhar it-3 t'Awwissu, 2020.*

***L-EĊĊEZZJONI DWAR L-IMGĦAXIJIET***

***Illi**, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimat tikkonċerna l-kalkolu tal-imgħaxijet dovuti fuq ammonti pretiżi għall-aħħar ħames snin ta' qabel l-Arbitraġġ, in kwantu li dawn allegatament jinjoraw il-prinċipju li l-imgħax huwa aċċessorju għall-kapital u kwindi l-imgħax pretiż huwa żbaljat u eċċessiv.*

***Illi** l-Arbitru jinnota li ma ġiet ippreżentata ebda prova ta' dan l-allegat żball fil-kalkolu, tant illi imkien ma jidher li ġie mqar diskuss il-metodu tal-kalkolu tal-imgħaxijiet, kif adoperat speċifikament għal dawn il-krediti li nsorġew fl-aħħar ħames snin qabel l-intavolar tal-Arbitraġġ, u allura din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa'.*

***Illi**, madanakollu, kif ser jintwera, din l-eċċezzjoni xorta waħda ma jibqalhiex valur ladarba l-Arbitru qiegħed jagħżel li jaħdem l-imgħaxijiet skont l-iskeda li tinsab fit-taqsima tal-quantum.*

***IR-RESPONSABBILITÀ TAL-PARTIJIET***

***Illi** l-Arbitru jinnota li l-intimata Juanita Fenech, debitament notifikata, naqset milli twieġeb jew tipparteċipa f'dan l-Arbitraġġ.*

***Illi**, madanakollu, fl-ebda stadju ma ġie ppruvat li l-kont għas-servizzi tal-fond, mertu ta' din it-tilwima, qatt kien jgħajjat lill-intimata Juanita Fenech u allura l-Arbitru ma jistax isibha responsabbli għall-ħlas, u dan skont l-insenjament ġurisprudenzjali nostrali:*

"Il-Qorti tqis illi f'materji ta' installazzjoni ta' servizz ta' dawl u ilma ġewwa fond, ir-relazzjoni ġuridika bejn il-fornitur tas-servizz […] u l-konsumatur reġistrat, tibqa' fis-seħħ bejn l-istess partijiet irrispettivament minn kwalsiasi tibdil de facto fil-

konsumatur tas-servizz u irrispettivament ukoll minn xi trasferiment tal-pussess jew użu tal-fond lil terzi, purche' ovvjament, dan ma jsirx tibdil formali tal-konsumatur reġistrat tas-servizz bil-kunsens tal-fornitur. Dan proprju għaliex kull trasferiment jew tibdil fil-konsumatur reġistrat mal-fornitur, li ma jsirx bl-approvazzjoni tal-istess forn itur, ikun res inter alios acta għalih." *(fn. 4: ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Marzu, 2019 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Limited pro et noe vs Norman Seychell)*

***Illi** l-Arbitru ma jistax jiddipartixxi minn din il-linja, li hija wara kollox estensjoni tar-Regolament 72 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (L.S. 545.01) u tar-Regolament 36 tar-Regolamenti fuq il-Fornitura tal-Ilma (L.S. 545.03).*

***Illi**, għalhekk, l-intimata Juanita Fenech ma tistax tinsab responsabbli għall-pagament ta' kwalsiasi kreditu li jaf ikun dovut lis-soċjetà rikorrenti.*

***Illi**, għalkemm il-provvista tad-dawl ġiet sospiża għall-kont in kwistjoni, fl-ebda stadju ma ġiet prodotta prova li l-intimat Mario Fenech talab biex jingħalqu għal kollox l-arloġġi li, anzi, baqgħu dejjem fuq ismu biss.*

***Illi**, l-konklużjoni loġika tas-suespost twassal lill-Arbitru sabiex isib lill-intimat Mario Fenech responsabbli għal kwalunkwe krediti li jaf ikunu dovuti lis-soċjetà rikorrenti għall-ħames snin li jippreċedu l-intavolar tal-Avviż ta' Arbitraġġ, ossia, mit-3 ta' Awwissu, 2015 sat-3 ta' Awwissu, 2020, bl-imgħaxijiet kif applikabbli għal dak il-perijodu biss u mingħajr imgħaxijiet jew kapitali dovuti għal dati preċedenti.*

***<u>IL-QUANTUM</u>***

***Illi**, tajjeb jingħad li fl-ebda stadju ta' dan l-Arbitraġġ ma ġie esplikat fid-dettall kif inħadmu l-ammonti kollha reklamati mis-soċjetà attriċi, lanqas ma ġie esplikat fid-detall kif għandhom jinħadmu l-imgħaxijiet fuq it-tip ta' krediti reklamati mill-istess attriċi. Madankollu l-Arbitru ser jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi dokumentarji li jinsabu in atti biex isib l-aħjar mod kif jiddetermina liema huwa l-ammont ġust li għandu jitħallas.*

***Illi**, kif spjegat fil-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ammont legalment dovut huwa dak li akkumula fil-ħames snin bejn it-3 ta' Awwissu, 2015 sat-3 ta' Awwissu, 2020, flimkien ma' kwalunkwe imgħax dovut.*

***Illi**, dan l-ammont huwa maqsum fuq diversi kontijiet li nħarġu f'dawn is-snin, li fuq kull wieħed minnhom irid jiżdied l-imgħax bir-rata ta' 6% fis-sena, mid-data partikolari li fiha saru dovuti tali kontijiet.*

***Illi** l-Arbitru mexa fuq il-bażi tal-kontijiet individwali li ġew ippreżentati fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ li huma riferibbli għall-ħames snin suċċitati, li l-ammonti prinċipali reklamati fihom ma ġewx ikkontestati mill-intimati.*

***Illi**, għal dan il-perijodu ta' ħames snin, l-Arbitru ħadem l-imgħax b'6% fuq kull kont individwali u b'hekk wasal għas-somma gloabli kif kienet dovuta mill-intimat Mario Fenech lis-soċjetà rikorrenti nhar it-3 t'Awwissu, 2020, ossia dakinhar li ġie intavolat dan l-Arbitraġġ. B'żieda ma' dan, l-imgħax irid ikompli jiżdied fuq kull kont individwali, mid-data tal-intavolar tal-Arbitraġġ sad-data tal-effettiv pagament, proporzjonalment skont l-ammont ta' snin, jew parti minnhom, li jilħqu jgħaddu sa dakinhar.*

***Illi**, għandu jingħad ukoll illi, ġaladarba ma ġiet prodotta ebda evidenza ta' xi ittra uffiċjali ppreżentata kontra l-intimat, din ser tiġi skartata.*

| *Perijodu u data meta saru dovuti* | ***Ammont prinċipali** (+ interessi maħduma b'6% proporzjonalment għall-ammont ta' snin jew parti minnhom li għaddew minn meta sar dovut l-ammont sat-03.08.2020)* |
|---|---|
| *16.05.2015 sa 15.07.2015 D+I<br>Dovuti sa 20.08.2015* | ***174.74** + interessi (* 0.06) (*4.95) = **51.90*** |
| *30.03.2015 sa 16.09.2015 D+I<br>Dovuti sa 30.10.2015* | ***148.37** + interessi (*0.06) (*4.76) = **42.37*** |
| *19.09.2015 sa 13.11.2015 D+I<br>Dovuti sa 20.12.2015* | ***136.84** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti* |
| *14.11.2015 sa 15.01.2016 D+I<br>Dovuti sa 19.02.2016* | ***156.32** (ebda interessi għax din ġiet ridotta f'kont sussegwenti)* |
| *17.09.2015 sa 23.03.2016 D+I<br>Dovuti sa 24.04.2016* | ***64.21** + interessi (*0.06)(*4.27) = **16.45**<br>Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tad-dawl u l-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *24.03.2016 sa 13.05.2016 D+I<br>Dovuti sa 23.06.2016* | ***115.09** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |

| | |
|---|---|
| *14.05.2016 sa 15.07.2016 D+I*<br>*Dovuti sa 24.08.2016* | ***180.47*** *(ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *24.03.2016 sa 15.07.2016 D+I*<br>*Dovuti sa 26.10.2016* | ***60.13*** *+ interessi (*0.06) (*3.77) =* ***13.60***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tad-dawl u l-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *17.09.2016 sa 14.11.2016 D+I*<br>*Dovuti sa 24.12.2016* | ***139.13*** *(ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *15.11.2016 sa 13.01.2017 (D+I*<br>*Dovuti sa 05.03.2017* | ***148.88*** *(ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *17.09.2016 sa 21.03.2017 D*<br>*+*<br>*17.09.2016 sa 20.03.2017 I*<br>*Dovuti sa 02.05.2017* | ***27.54*** *+ interessi (*0,06)(*3,25) =* ***5.37***<br>*Dan il-kont jinkludi tibdiliet ta' żewġ kontijiet preċedenti, flimkien ma' tnaqqis ta' kontijiet oħra, u l-figura li qiegħda tingħata hawn hija dik li tirriżulta meta jsir kull tibdil u tnaqqis.* |
| *22.03.2017 sa 15.05.2017 D*<br>*Dovuti sa 09.07.2017* | ***9.79*** *(ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *21.03.2017 sa 19.05.2017 I*<br>*Dovuti sa 09.07.2017* | ***9.70*** *+ interessi (*0.06) (*3.07) =* ***1.79*** |
| *16.05.2017 sa 14.07.2017 D*<br>*Dovuti sa 25.08.2017* | ***10.68*** *(ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *20.05.2017 sa 20.07.2017 I*<br>*Dovuti sa 25.08.2017* | ***10.02*** *+ interessi (*0.06)(*2.94) =* ***1.77*** |
| *22.03.2017 sa 12.09.2017 D*<br>*+*<br>*21.07.2017 sa 19.09.2017 I*<br>*Dovuti sa 28.10.2017* | ***32.55*** *+ interessi (*0.06) (*2.76) =* ***5.39*** |

| | |
|---|---|
| *Dan il-kont jinkludi wkoll €12 għal* 'manual posting' | |
| *13.09.2017 sa 14.11.2017 D*<br>*Dovuti sa 22.12.2017* | ***11.22 (****ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *20.09.2017 sa 17.11. 2017 I*<br>*Dovuti sa 22.12.2017* | ***9.54** + interessi (*0.06) (*2.61) = **1.49*** |
| *15.11.2017 sa 15.01.2018 D*<br>*Dovuti sa 03.03.2018* | ***11.04** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *18.11.2017 sa 19.01.2018 I*<br>*Dovuti sa 03.03.2018* | ***10.18** + interessi (*0.06) (*2.42) = **1.48*** |
| *13.09.2017 sa 21.03.2018 D*<br>*+*<br>*20.01.2018 sa 20.03.2018 I*<br>*Dovuti sa 03.05.2018* | ***21.28** + interessi (*0.06)(*2.25) = **2.87*** |
| *22.03.2018 sa 15.05.2018 D*<br>*Dovuti sa 11.07.2018* | ***9.79** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *21.03.2018 sa 18.05.2018 I*<br>*Dovuti sa 11.07.2018* | ***9.54** + interessi (*0.06)(*2.06) =**1.18*** |
| *16.05.2018 sa 13.07.2018 D*<br>*Dovuti sa 28.08.2018* | ***10.51** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *19.05.2018 sa 20.07.2018 I*<br>*Dovuti sa 28.08.2018* | ***10.18** + interessi (*0.06)(*1.93) = **1.18*** |
| *22.03.2018 sa 14.09.2018 D*<br>*+*<br>*21.07.2018 sa 04.09.2018 I*<br>*Dovuti sa 26.10.2018* | ***18.66** + interessi (*0.06)(*1.77) = **1.98*** |
| *15.09.2018 sa 14.11.2018 D*<br>*Dovuti sa 22.12.2018* | ***10.86** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *05.09.2018 sa 15.01.2019 D*<br>*Dovuti sa 22.12.2018* | ***9.54** + interessi (*0.06)(*1.61)= **0.92*** |
| *15.11.2018 sa 15.01.2019 D*<br>*Dovuti sa 27.02.2019* | ***11.04** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |

| | |
|---|---|
| *03.11.2018 sa 04.01.2019 I*<br>*Dovuti sa 27.02.2019* | ***10.18** + interessi (*0.06)(*1.43) = **0.87*** |
| *15.09.2018 sa 13.03.2019 D*<br>*+*<br>*05.01.2019 sa 05.03.2019 I*<br>*Dovuti sa 25.04.2019* | ***19.85** + interessi (*0.06)(*1.27) = **1.51*** |
| *14.03.2019 sa 15.05.2019 D*<br>*Dovuti sa 02.07.2019* | ***11.22** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *06.03.2019 sa 03.05.2019 I*<br>*Dovuti sa 02.07.2019* | ***9.54** + interessi (*0.06)(*1.03)= **0.59***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tal-kera tal-arloġġ tal-ilma* |
| *16.05.2019 sa 15.07.2019 D*<br>*Dovuti sa 22.08.2019* | ***10.86** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *04.05.2019 sa 05.07.2019 I*<br>*Dovuti sa 22.08.2019* | ***10.18** + interessi (*0.06)(*0.95) = **0.58***<br>*Peress illi l-ammont dovut għal dan il-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tal-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *14.03.2019 sa 12.09.2019 D*<br>*+*<br>*06.07.2019 sa 04.09.2019 I*<br>*Dovuti sa 25.10.2019* | ***42.45** + Interessi (*0.06) (*0.77)= **1.96***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tad-dawl u l-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *13.09.2019 sa 04.11.2019 D*<br>*Dovuti sa 24.12.2019* | ***11.22** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *05.09.2019 sa 04.11.2019 I*<br>*Dovuti sa 24.12.2019* | ***11.22** + interessi (*0.06)(*0.61) = **0.04***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex* |

| | |
|---|---|
| | *ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tal-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *15.11.2019 sa 15.01.2019 D*<br>*Dovuti sa 25.02.2020* | ***11.04** (ebda interessi għax dan l-ammont ġie mnaqqas f'kont sussegwenti)* |
| *05.11.2019 sa 03.01.2020 I*<br>*Dovuti sa 25.02.2020* | ***20.74** + interessi (*0.06)(*0.44) = **0.55***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tal-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| *13.09.2019 sa 20.03.2020 D*<br>*+*<br>*04.01.2020 sa 21.03.2010 I* | ***24.19** + interessi (*0.06)(*0.25)= **0.36***<br>*Dan il-kont jinkludi tibdiliet ta' żewġ kontijiet preċedenti flimkien ma' tnaqqis ta' kontijiet oħra, u l-figura li qiegħda tingħata hawn hija dik li tirriżulta meta jsir kull tibdil u tnaqqis.* |
| *21.03.2020 sa 30.05.2020 D*<br>*+*<br>*22.03.2020 sa 05.05.2020 I*<br>*Dovuti sa 09.07.2020* | ***19.91** + interessi (*0.06)(*0.07) = **0.08***<br>*Peress illi l-ammont dovut għall-konsum tal-ilma f'dan il-kont ġie mibdul f'kont sussegwenti, mhuwiex ser jingħata hawn u qiegħed jingħata biss il-kont tad-dawl u tal-kera tal-arloġġ tal-ilma.* |
| | *Prinċipal: **1,790.44***<br>*Imgħax (6% fuq kull kont individwali mid-data ta' meta sar dovut sat-3 ta' Awwissu, 2020): **156.28***<br>***Total: 1,946.72*** |

***<u>DEĊIŻJONI</u>***

*Għas-suesposti konsiderazzjonijiet, l-Arbitru qed **jaqta' u jiddeċiedi** billi:*

1. ***Jilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat Mario Fenech;*
2. ***Jiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimat Mario Fenech;*
3. ***Jilqa'** in parte t-talba tas-soċjetà rikorrenti billi:*

a. ***Jikkundanna*** *lill-intimat* ***Mario Fenech*** *għall-ħlas ta'* ***€1,946.72****, flimkien ma' kwalunkwe imgħax ulterjuri mit-3 ta' Awwissu, 2020, sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 6% per annum fuq kull ammont prinċipali ta' kull kont tad-dawl u tal-ilma li jikkonċerna pendenzi li saru dovuti bejn it-3 ta' Awwissu, 2015 u t-3 ta' Awwissu, 2020, kif esplikat fit-taqsima tal-quantum aktar 'il fuq.*

b. ***Jordna*** *lill-intimat* ***Mario Fenech*** *iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta'* ***€1,946.72****, flimkien ma' kwalunkwe imgħax ulterjuri mit-3 ta' Awwissu, 2020, sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' 6% per annum fuq kull ammont prinċipali ta' kull kont tad-dawl u tal-ilma li jikkonċerna pendenzi li saru dovuti bejn it-3 ta' Awwissu, 2015 u t-3 ta' Awwissu, 2020, kif esplikat fit-taqsima tal-quantum iktar 'il fuq.*

4. ***Jordna*** *li l-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ jinqasmu nofs bin-nofs bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimat* ***Mario Fenech."***

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' April, 2024 fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha (1) tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimat Mario Fenech rigward il-preskrizzjoni eċċepita ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni tal-appellat rigward il-preskrizzjoni; (2) tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat Mario Fenech ma ġiex ikkundannat u ordnat sabiex iħallas l-ammonti mitluba mill-appellanta qabel it-3 ta' Awwissu, 2015 u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellanta u tikkundanna lill-intimat Mario Fenech sabiex iħallas l-ammonti hekk mitluba mill-appellanta; (3) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet in parte t-talba tas-soċjetà appellanta u kkundannat lil Mario Fenech iħallas l-ammont ta' Euro 1,946.72; (4) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-appellat dwar l-imgħaxijiet; (5) tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanta ġiet ikkundannata tħallas nofs l-ispejjeż tal-arbitraġġ u konsegwentement tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-ispejjeż fl-interità tagħhom.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-appellati."*

7. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex l-appellat ma ssodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

8. L-appellat wieġeb għal dan ir-rikors tal-appell billi qal li s-sentenza tat-Tribunal għandha tiġi kkonfermata stante li hija ġusta, u għalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

9. In sostenn tal-aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta spjegat li l-kont bin-numru 101000080456 relatat mas-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-fond huwa intestat f’isem l-appellat Mario Fenech. Spjegat li sad-data tal-preżentata tal-avviż tal-arbitraġġ quddiem it-Tribunal, kien akkumula dejn ammontanti għal €37,454.97, u sal-24 ta’ Ġunju, 2020, il-pendenzi fuq il-kont kienu jammontaw għal €37,454.97. Spjegat li l-provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond ġiet maqtugħa fis-7 ta’ Diċembru, 2013, iżda din ġiet ripristinata fl-istess jum, u għal din ir-ripristinazzjoni kien hemm dovuta tariffa amministrattiva ta’ €70. Qalet ukoll li wara s-7 ta’ Diċembru, 2013, il-provvista reġgħet ġiet sospiża fil-15 ta’ Marzu, 2014, u baqgħet hekk sospiża, sakemm fid-29 ta’ Settembru, 2020 il-provvista reġgħet ingħatat. Is-soċjetà appellanta qalet li l-pendenzi dovuti baqgħu qatt ma tħallsu, u kien għalhekk li nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

10. L-appellanta qalet li l-appellat eċċepixxa li fil-każ odjern tapplika l-preskrizzjoni kwinkennali abbażi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Żiedet tgħid li l-ġurisprudenza tagħna tgħallem li meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, jeħtieġ ukoll li jingħata

l-ġurament deċiżjorju *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-istess Kodiċi, fejn id-debitur jintalab jieħu ġurament u jikkonferma li huwa mhuwiex debitur fil-kawża, jew li huwa ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa jew le. L-appellanta qalet li għal xi raġuni, it-Tribunal iddeċieda li l-appellat Fenech kien issodisfa l-vot li jeħtieġ l-artikolu 2160, meta dan mhux il-każ. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-kliem tal-liġi huwa ċar, u din tesiġi li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu jieħu ġurament u jiddikjara li *"mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa".*

11. L-appellanta qalet li huwa ferm evidenti li ma jirriżultax li l-appellat xehed li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, bil-konsegwenza li l-preskrizzjoni sollevata ma tistax tingħata effett. Qalet ukoll li tul is-snin, il-Qrati tagħna indikaw b'diversi modi dan il-ġurament kif għandu jingħata, u iċċitat sentenzi in sostenn ta' dan. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellat ta biss riassunt tal-fatti kif seħħew, li ma kellhomx jiġu interpretati mit-Tribunal bħala li jissodisfaw dak li jeħtieġ l-artikolu 2160 tal-Kap. 16. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-Arbitru applika l-artikolu 2160 b'mod skorrett. Qalet ukoll li l-artikolu 2160(3) tal-Kap, 16 mhuwiex applikabbli f'dan il-każ, kuntrarjament għal dak li ddeċieda l-Arbitru, għaliex dan japplika biss fir-rigward tal-paragrafi (a) u (ċ) tal-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16, imma fil-każ odjern il-preskrizzjoni ġiet eċċepita abbażi tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Fl-aħħarnett l-appellanta qalet li l-fatt li l-appellat kien talab u/jew għamel pressjoni sabiex tiġi sospiża l-provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni, bl-ebda mod ma għandu jiġi interpretat bħala konformità mal-elementi tal-artikolu 2160 tal-Kap. 16. Qalet li huwa biżżejjed li jingħad, illi jekk

verament l-appellat mhuwiex id-debitur, huwa kien jipproċedi sabiex jinnotifika lill-appellanta *ai termini* tar-regolament 72 tal-L.S. 545.01 u r-regolament 36 tal-L.S. 545.03, u jitlob li ma jibqax reġistrat bħala konsumatur, u mhux sempliċement jitlob is-sospensjoni. L-appellanta qalet li l-appellat seta' jitlob ukoll il-qlugħ tal-arloġġi tad-dawl u l-ilma sabiex b'hekk veramnet ikun jista' jagħti effett għall-preskrizzjoni, u jgħid li mhuwiex debitur.

12. L-appellanta qalet ukoll li fid-deċiżjoni appellata hemm kontradizzjoni anki dwar dan, għaliex filwaqt li l-Arbitru qal li l-appellat issodisfa l-elementi tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili għaliex kien talab lill-appellata għas-sospensjoni tad-dawl, fil-parti fejn l-Arbitru ddeċieda dwar ir-responsabbilità tal-appellati, iddeċieda li Mario Fenech huwa responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet. L-appellanta qalet li għalhekk huwa ċar li l-Arbitru ma setax jaċċetta l-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellat għall-finijiet tal-ġurament deċiżorju, fejn qal li mhuwiex responsabbli, iżda imbagħad irrifjutaha fejn għadda sabiex jiddeċiedi dwar ir-responsabbilità tal-appellati. Inoltre, is-soċjetà appellanta saħqet li fix-xhieda tiegħu l-appellat qal li huwa kien bagħat ittra lill-ARMS sabiex dawn jirranġaw il-kontijiet u biex jaraw x'pendenzi kien hemm dovuti sal-10 ta' Ottubru, 2010, u xehed ukoll li kien hemm drabi fejn huwa kien jikkuntattja lill-ARMS sabiex dawn joħorġu l-kont, u qalet li minn dan għandu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda negazzjoni tad-dejn għaliex l-appellant innifsu kkonferma li huwa kien talab reviżjoni tal-kontijiet u ma nnegax jew stqarr li ma kellux iħallas l-ammont dovut. Qalet li kieku l-appellat verament ma kienx debitur, dan kien jikkontesta bis-sħiħ l-ammont kollu, u mhux jitlob reviżjoni tal-kont.

13. L-appellat qal li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi u impellenti biex dan iseħħ. Qal li fir-risposta tiegħu huwa eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' ħames snin, u din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħha. L-appellat qal li biex l-eċċezzjoni tal-appellanta tintlaqa', irid jintwera li l-appellat innega li huwa responsabbli għall-ħlas tad-dejn, u jridu jissussistu b'mod kumulattiv l-artikolu 2156(f) u l-artikolu 2160 tal-Kap. 16. Qal li m'hemmx dubju li dawn ġew ippruvati permezz tax-xhieda u d-dokumenti li rriżultaw fl-atti ta' dan l-arbitraġġ li t-talba tas-soċjetà appellanta jew parti mit-talba hija preskritta u li huwa kien bagħat korrispondenza fejn avża lill-appellanta li huwa kien tilef il-pussess tal-fond wara li ġie żgumbrat minnu, u li fil-fond baqgħu jgħixu dik li kienet il-mara tiegħu Juanita Fenech, u iben il-koppja. Qal li fil-fatt l-imsemmija Juanita Fenech kienet għamlet xi pagamenti bl-għajnuna ta' missierha, u b'kollox kienu saru ħames pagamenti. L-appellat qal li kien hemm ukoll nuqqas ta' interpellazzjoni min-naħa tas-soċjetà appellanta, li sas-sena 2020 ma kienet ippreżentat l-ebda ittra uffiċjali fil-konfront tal-appellati sabiex titlob il-ħlas tad-dejn, liema ittra setgħet isservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni. Qal li l-ewwel ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà appellanta kienet dik tad-29 ta' Lulju, 2020 li kienet indirizzata lil Juanita Fenech, l-appellata l-oħra, li ġiet mitluba tħallas is-somma ta' €37,454.97.

14. L-appellat qal li sfortunatament fil-każ odjern kien hemm ħafna *"indħil"* u pressjoni sabiex jiġi ripristinat is-servizz fil-fond fejn hemm installati l-*meters* tad-dawl u l-ilma msemmija, u dan fil-perijodu meta fil-fond kienet tirrisjedi biss Juanita Fenech. L-appellat qal li huwa kien informa lis-soċjetà appellanta permezz ta' ittra mibgħuta fit-28 ta' Ġunju, 2011, li huwa ma kienx baqa' jgħix

u jirrisjedi fil-fond wara l-11 ta' Ottubru, 2010, u kien talab lis-soċjetà appellanta tibda tibgħat il-kontijiet lil martu Juanita Fenech. Qal li huwa kien ġie ordnat jiżgombra mill-fond b'ordni tal-Qorti b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2010. Qal li permezz tal-avukat tiegħu ta' dak iż-żmien, huwa kien bagħat ittra oħra fit-23 ta' April, 2012, fejn avża li Juanita Fenech kienet responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet kollha tas-servizzi b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2010. L-appellat qal li s-soċjetà appellanta kienet wieġbet għal din l-ittra sabiex tikkonferma li l-ittra tiegħu kienet waslet għandha. Qal li huwa bagħat ittra oħra lis-soċjetà appellanta fil-31 ta' Diċembru, 2012, fejn ikkontesta l-konsum li dakinhar kien stmat fis-somma ta' €15,947. Qal li fid-9 ta' Jannar, 2013 huwa bagħat ittra oħra indirizzata lil ċerta Antoinette Portelli, fejn reġa' għamel l-ilment tiegħu. L-appellat qal li fil-25 ta' Frar, 2013 huwa rċieva ittra mingħand is-soċjetà appellanta, fejn ingħad li l-appellanta ġiet infurmata bit-talba tiegħu sabiex is-servizz fil-fond imsemmi jiġi '*discontinued'.* L-appellat qal li din hija konferma li s-soċjetà appellanta kienet taf bit-talbiet tiegħu. Żied jgħid li fit-23 ta' Diċembru, 2013 huwa kien ippreżenta protest ġudizzjarju kontra s-soċjetà appellanta, fejn huwa reġa' ġibed l-attenzjoni tal-appellanta li huwa kien ħareġ mill-fond fil-11 ta' Ottubru, 2010, u talab li ma jibqax il-konsumatur reġistrat fuq il-fond, jew alternattivament jerġa' jiġi sospiż is-servizz tad-dawl fil-fond. Qal li s-servizzi f'dan il-fond ġew sospiżi fit-22 ta' Diċembru, 2013, iżda dakinhar stess il-provvista reġgħet ġiet ripristinata fuq ordni li ngħatat minn "*higher up".* Qal li s-servizz reġa' ġie ripristinat fl-14 ta' Ottubru, 2020, meta huwa reġa' ħa f'idejh il-pussess tal-fond u fejn ġie miftiehem li minn dakinhar l-appellant kellu jkun responsabbli għall-ħlas tas-servizzi. L-appellat qal li huwa rnexxielu jipprova li kien hemm terzi viċin il-mara tiegħu li kull darba li s-servizz ġie maqtugħ,

intervjenew sabiex dan jerġa' jingħata f'qasir żmien. Qal li huwa kien talab anki permezz ta' protest ġudizzjarju sabiex is-servizzi fil-fond in kwistjoni jiġu sospiżi, wara li huwa tilef il-pussess tal-fond fuq ordni mogħtija mill-Qorti tal-Familja sabiex huwa jiżgombra mill-fond. Qal li fis-6 ta' Diċembru, 2013 huwa talab ukoll li s-servizz jiġi maqtugħ, u dan reġa' ġie installat ftit wara bl-intervent u bl-għajnuna ta' terzi. L-appellat saħaq li għalhekk l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156(f) u tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, għandha tissussisti.

15. L-uniku aggravju tas-soċjetà appellanta f'dan l-appell, huwa marbut mar-rekwiżiti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, u jekk dawn ġewx sodisfatti fil-każ odjern. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-vot tal-artikolu 2160 huwa wieħed speċifiku, u jirrikjedi li jingħata ġurament lill-preżunt debitur dwar jekk huwiex debitur jew jekk jiftakarx il-ħaġa ġietx imħallsa jew le. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Dr Stephen Muscat noe et *vs.* Nicholas Grima et**[1], proprju dwar il-mod kif għandu jiġi applikat l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili in segwitu għall-emendi leġislattivi li ġew ippromulgati permezz tal-Att I tal-2017, liema emendi għalhekk japplikaw għaċ-ċirkostanzi tal-appell odjern:

> *"Illi mill-promulgazzjoni tal-Kodiċi Ċivili sal-Att numru I tas-sena 2017, l-Art. 2160 kien joħloq u jirregola l-ġurament deċiżorju, mogħti mill-pretiż kreditur lill-allegat debitur, abbażi ta' domanda unika u preċiża: jekk huwiex debitur, jew jekk jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Id-debitur kellu jwieġeb dawn id-domandi skont il-formola, u xejn iżjed. Il-kreditur ma setax jistaqsi domandi oħrajn flimkien jew wara din id-domanda. Jekk id-debitur iwieġeb fin-negattiv, allura l-preskrizzjoni tkun ġiet ippruvata. Effettivament id-debitur ikun ġie ttrasformat f'ġudikant tiegħu nnifsu. It-tweġiba*

[1] 02.09.2020.

*kienet tkun tassew waħda deċiżorja għax taqta' l-kwistjoni irrispettivament jekk id-debitur ikunx qiegħed jigdeb jew jgħid il-verità jew jekk il-ġudikant jemmnux jew le.*

*"Illi permezz tal-Att I tal-2017 (li b'għaġġla kbira reġa' ġie emendat bl-Att VII.2017), il-ġurament ikkontemplat fl-Art. 2160 għadda minn vera u proprja metamorfosi, għaliex tbiddlet in-natura tiegħu. Ma baqax jittratta ġurament deċiżorju, li kien isir b'għażla tal-kreditur u a riskju tiegħu minħabba li t-tweġiba kellha effett probatorju assolut u awtomatiku li ma setax jiġi impunjat. Il-ġurament li l-konvenut mhux debitur issa ma jingħatax mill-pretiż kreditur a xelta tiegħu, imma mill-allegat debitur bilfors u fuq inizjattiva tiegħu stess bħala element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi. Il-ġurament ma jibqax deċiżiv għaliex id-debitur li jkun ħadu jista' jiġi assoġġettat għall-kontro-eżami:*

*"Dak li kien ġurament deċiżorju, illum, mhux bilfors baqa' deċiżorju. Jista' jkun li ġie reż fi prova bħal kull prova oħra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawża." (fn. 17: P&S Limited v Noel Zammit, 16.02.2108 Prim'Awla, coram, Onor. Imħallef Toni Abela)*

*Illi filwaqt li fl-art. 2160 oriġinali, l-istqarrija tal-konvenut riedet issir meta jiġi deferit lilha l-ġurament (u dan bilfors kellu jkun hekk), fl-Art. 2160 kif issa emendat, il-ġurament li mhuwiex debitur jista' jittieħed f'kull waqt tal-kawża."*

16. Il-Qorti tosserva li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkennali kif sollevata mill-appellat fir-risposta tiegħu, ma tintlaqax sempliċement għaliex ikun iddekora ż-żmien ta' ħames snin, iżda sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, irid jiġi sodisfatt ukoll l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, li jesiġi li min jissolleva d-difiża tal-preskrizzjoni brevi, għandu jixhed bil-ġurament waqt il-kawża li huwa mhux debitur. Minkejja l-emendi li ddaħħlu fil-liġi, il-forma tal-ġurament baqgħet waħda sagramentali, u kull devjazzjoni minnha tirrendi l-eċċezzjoni waħda ineffikaċi. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellat fix-xhieda tiegħu spjega għal liema raġuni fil-fehma tiegħu huwa m'għandux jitqies bħala debitur, billi fl-ewwel lok huwa kien ilu li ġie żgumbrat mill-fond minn Novembru tas-sena 2010 b'ordni tal-Qorti, u għalhekk huwa ma kellux jitqies bħala debitur għall-pendenzi li s-soċjetà appellanta tinsisti li huma dovuti. L-appellat ċaħad li huwa debitur, u

spjega għal liema raġuni huwa mhux debitur peress li huwa ma kienx qiegħed jgħix fil-fond, u saħansitra talab għal diversi drabi, is-sospensjoni tas-servizz mill-fond, liema servizz però reġa' ġie ripristinat wara li kien hemm l-intervent ta' terzi. Fix-xhieda tiegħu, l-appellat spjega d-diversi tentattivi li huwa għamel, anki permezz tal-avukat tiegħu, sabiex il-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma jibdew jinħarġu f'isem il-mara tiegħu, u ppreżenta wkoll kopja ta' protest ġudizzjarju mressaq minnu f'dan ir-rigward, iżda għal xi raġuni s-soċjetà appellanta naqset milli tieħu azzjoni dwar dan, u kull darba li kien hemm sospensjoni jew qtugħ fis-servizz, dan ġie ripristinat fi ftit ħin. Kien dan l-allegat indħil u aġir abbużiv li wassal sabiex baqgħu jinħarġu mhux biss il-kontijiet relattivi għall-konsum, iżda wkoll kontijiet marbuta mal-installazzjoni mill-ġdid ta' *meters,* u għall-għoti mill-ġdid tas-servizzi fil-fond. L-appellat spjega wkoll li kienet martu Juanita Fenech li rrifjutat li tiffirma ċ-*change of registered consumer form* indikata lilu mill-ARMS, u dan fl-isfond ta' talbiet ripetuti min-naħa tiegħu għas-sospensjoni tas-servizz.

17. Il-Qorti tqis li mid-depożizzjoni mogħtija mill-appellat, ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni legalment u loġikament korretta oħra, ħlief li bix-xhieda tiegħu l-appellat insista diversi drabi li huwa mhux u m'għandux jitqies bħala debitur fil-konfront tas-soċjetà appellanta, li qagħdet tipprokrastina meta mitluba diversi drabi sabiex tissospendi s-servizz, u li ppermettiet l-indħil u l-intervent ta' terzi li b'mod li jista' jitqies li huwa abbużiv, talbu li jiġi ripristinat is-servizz minkejja r-raġunijiet mogħtija mill-appellat għat-talbiet tiegħu għall-qtugħ tas-servizz. Il-Qorti tqis li l-argument tas-soċjetà appellanta li l-Arbitru ma kellux għalfejn jinvoka l-artikolu 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili, huwa wieħed fazzjuż għall-aħħar, għaliex l-appellat mhux biss issodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 2160(1) tal-

Kodiċi Ċivili meta xehed li hu mhux debitur, imma mar oltre u ta r-raġunijiet tiegħu għal dan, anki jekk ma kellux għalfejn jagħmel dan.

18. Fl-aħħarnett il-Qorti sejra tagħmel ukoll l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kumplament tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, meta qalet li l-appellat kellu jinsisti li kellhom jinqalgħu l-*meters* sabiex jassigura li s-servizz jinqata' kompletament. Ir-relazzjoni ġuridika odjerna hija waħda bejn entità pubblika li tirregola u tiffaċilita l-provvista tal-ilma u tal-elettriku fil-pajjiż, u konsumatur li għal raġunijiet li din il-Qorti mhijiex sejra tidħol fihom, ressaq diversi talbiet mal-istess entità sabiex din tirrikonoxxi li huwa ma kienx għadu jgħix fil-fond fejn kienu qegħdin jingħataw l-imsemmija servizzi minħabba ordni tal-Qorti sabiex huwa ma jersaqx 'l hemmhekk. Il-persuna l-oħra, Juanita Fenech, kienet qiegħda tirrifjuta li tiffirma l-formula għall-bdil fil-konsumatur, f'sitwazzjoni ta' separazzjoni personali kontenzjuża bejn il-partijiet. L-inqas ħaġa li kellha ssir f'dawn iċ-ċirkostanzi kienet li l-entità pubblika kkonċernata tifhem id-diffikultà li kien fiha il-konsumatur, partikolarment meta bdew jintbagħtu l-kontijiet u ħadd ma beda jħallashom, bir-riżultat li l-ammont dovut baqa' jakkumula. F'din is-sitwazzjoni, l-appellanta xorta waħda kaxkret saqajha biex tissospendi is-servizz, u meta saret is-sospensjoni tas-servizz, għal xi raġuni dan ġie ripristinat fi ftit sigħat. Is-soċjetà appellanta naqset ukoll milli tibgħat ittra uffiċjali bil-pretensjonijiet tagħha, sabiex b'hekk tinterrompi kwalsiasi perijodu preskrittiv li beda għaddej, u b'hekk tħares il-pretensjonijiet tagħha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax issib li l-appellat għandu jħallas l-ammont pretiż mis-soċjetà appellanta, aktar u aktar meta huwa xehed li mhuwiex id-debitur, kemm għaliex huwa m'għamel l-ebda użu mis-servizz, u talab is-sospensjoni tas-servizz, u meta ġie ripristinat

dan ma sarx fuq talba tiegħu, kif ukoll għaliex minkejja li s-soċjetà appellanta kienet konsapevoli taċ-ċirkostanzi personali tal-appellat, hija insistiet u għadha qiegħda tinsisti li għandu jkun hu li jagħmel tajjeb għad-dejn pretiż minnha. Il-Qorti tfakkar ukoll fil-prinċipju regolanti l-apprezzament tal-provi li għandu jsir minn din il-Qorti ta' reviżjoni, u tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cini *vs.* George Wells**[2], mill-Qorti tal-Appell (Superjuri):

> *"Huwa prinċipju bażilari segwit minn din il-Qorti ta' reviżjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leġġerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jissuġġerixxu mod ieħor."*

19. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[2] 15.11.2004.